MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 197/1995/3

**Joseph Galea, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'**
**Amabile Galea & Sons Ltd.**

**Vs**

**Carlo Pergolani**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-konvenut ippremetta illi huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' elf tlett mija wiehed u ghoxrin lira (Lm1,321) bilanc minn somma akbar, prezz ta' appalt ghal xoghol ta' aluminium esegwit mis-socjeta' attrici fil-fond 157, Two Gates Street, Senglea, fuq inkariku tal-istess konvenut;

Premess illi l-konvenut, interpellat biex ihallas il-bilanc dovut, baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' elf tlett mija wiehed u ghoxrin lira bilanc minn somma akbar, prezz ta' appalt ghal xoghol ta' aluminium esegwit mis-socjeta' attrici fil-fond 157, Two Gates Street, Senglea.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar, 1995, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra ufficjali, kkontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 7 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi x-xoghol ghadu ma tlestix u oltre dan dak ix-xoghol li sar la sar kif miftiehem u lanqas skond is-sengha u l-arti tant illi l-eccipjenti sofra danni bir-rizultat tax-xoghol hazin.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 16;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Pace;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Perit tekniku nominat minn dina l-Qorti, wara li semgha x-xhieda u ghamel il-konsiderazzjonijiet opportuni (ara para 17 sa para 21), wasal ghall-konkluzzjoni li (ara para 22) :

li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu bid-differenza illi ghandhom jintnaqqsu l-ammonti ta' Lm90 minhabba l-hsara fl'ghatu provvizorju tal-bitha u Lm100 tat-tieqa mibruma .

il-konvenuti wkoll ghandhom isewwu jew jirrimpjazzaw il-manku difettuz u jekk ma jaghmlux dan ghandhom jitnaqqsu Lm10 ohra mill-kont illi allura jammontaw ghal total ta' Lm200.

Ghalhekk l-ammont ta' Lm1,321 ghandu jigi ridott b'Lm200 ghal Lm1,121 jew inkella jekk issir it-tiswija fil-manku difettuz l-ammont pretiz ghandu jintnaqqas ghall Lm1,131.

B'verbal datat 19 ta' Mejju, 2003 l-attur iddikjara li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza, mentri l-avukat difensur tal-konvenut irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut. Il-konvenut ma ghamel ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Bonnett vs Lewis App** deciza fil 1 ta' Marzu 1994 : "Il-Qorti, sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostiwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, dan ma taghmlux." u "rarament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku jew mediku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana".

F'dana l-kaz il-partijiet bl-ebda mod ma kkontestaw il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku.

Il-Qorti, wara li regghet ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit tekniku, kif ukoll il-konkluzzjonijiet

minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talba attrici
u tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1,121 jew inkella jekk issir it-tiswija fil-manku difettuz l-ammont ta' Lm1,131 ghax xoghol ta' aluminium esegwit mis-socjeta' attrici fil-fond 157, Two Gates Street, Senglea

Bl-ispejjez, kwantu ghal 4/5 ghall konvenut u 1/5 ghall-attur noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------